MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1241/2005

**Prinz Distributors Ltd.**

**vs**

**Alfred Magri proprio u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem Adanac Store**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Gunju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut proprio et nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija disgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm179.58) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma’ prodotti debitament mibjugha u kkonsenjali lill-konvenut proprio et nomine mis-socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut proprio et nomine.

Illi nonostante interpellat ihallas permezz ta' ittra interpellatorja datata 14 ta' Lulju 2003, dana baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet li gie ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut proprio et nomine minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut proprio et nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut proprio et nomine gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija disgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm179.58), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nomine skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------